



Brussell, 6 ta' Ottubru 2023  
(OR. en)

13684/23

LIMITE

JAI 1243  
FREMP 269  
AG 112  
POLGEN 137

**NOTA**

---

minn: Presidenza

lil: Delegazzjonijiet

---

Suġġett: Sforzi biex jitjiebu l-effiċjenza u l-kwalità tas-sistemi ġudizzjarji

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness in-nota tal-Presidenza bil-ħsieb tal-ikla ta' ħidma tal-Ministri għall-Ġustizzja fil-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni tad-19 u l-20 ta' Ottubru 2023.

**Ikla ta' ħidma: Sforzi biex jitjiebu l-effiċjenza u l-kwalità tas-sistemi ġudizzjarji.****I.**

L-istat tad-dritt huwa wieħed mill-valuri fundaturi tal-Unjoni, bħalma huma d-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem. Huwa komuni għall-Istati Membri kollha u fil-qofol tal-identità tal-Unjoni. Huwa fattur ewlieni fl-istabbiltà politika u l-prosperità ekonomika tal-Ewropa. Kif enfasizzat mill-President von der Leyen fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2023, *l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali se jkunu dejjem il-bażi tal-Unjoni tagħna, fi Stati Membri preżenti kif ukoll f'dawk futuri.*

L-istat tad-dritt minqax fl-Artikolu 2 TUE jinkludi l-prinċipji tal-legalità li jimplika proċess trasparenti, responsabbli, demokratiku u pluralistiku tat-tfassil tal-liġijiet; iċ-ċertezza tad-dritt; il-projbizzjoni tal-arbitrarjetà tas-setgħat eżekuttivi; il-protezzjoni ġudizzjarja effikaċi, inkluż l-aċċess għall-ġustizzja; qrati indipendenti u imparzjali, anki fir-rigward tad-drittijiet fundamentali; is-separazzjoni tas-setgħat; u n-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi.

Fid-dawl tal-importanza tiegħu, hemm diversi strumenti Ewropej biex jiġi sostnut dan il-prinċipju.

Iċ-Ċiklu Annwali tal-Istat tad-Dritt stabbilit mill-Kummissjoni Ewropea huwa strument biex jappfondixxi d-djalogu u l-għarfien konġunt dwar kwistjonijiet tal-istat tad-dritt u huwa wkoll għodda preventiva u strument biex titrawwem l-adozzjoni ta' miżuri biex jissaħħu l-istituzzjonijiet tagħna u l-fiduċja taċ-ċittadini tagħna fihom. Ir-Rapporti dwar l-Istat tad-Dritt adottati mill-2020 'l hawn huma bbażati fuq għadd ta' sorsi, inkluż it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE<sup>1</sup>. Id-djalogu annwali tal-Kunsill dwar l-istat tad-dritt jagħmel użu mir-rapport tal-Kummissjoni u, minbarra diskussjonijiet fil-Kunsill Affarjiet Ġenerali, il-Kunsill Ġustizzja u Affarjiet Interni ilu mill-2020 iwettaq diskussjonijiet ulterjuri u aktar fil-fond dwar kwistjonijiet relatati mal-istat tad-dritt li jaqgħu fil-kompetenza tiegħu.

---

<sup>1</sup> 10407/23 – Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2023, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u lill-Kumitat tar-Reġjuni, COM(2023) 309.

Skont it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2023, sistemi ġudizzjarji effettivi huma essenzjali għall-applikazzjoni u l-infurzar tad-dritt tal-UE u għas-sostenn tal-istat tad-dritt u ta' valuri fundamentali oħra tal-UE li huma komuni għall-Istati Membri. Il-qrati nazzjonali jaġixxu bħala qrati tal-UE meta japplikaw id-dritt tal-UE. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tippreżenta ħarsa ġenerali annwali lejn l-indikaturi li tiffoka fuq tliet parametri essenzjali għal sistemi tal-ġustizzja effettivi: i) effiċjenza; ii) kwalità; iii) indipendenza.

## II.

Sistemi tal-ġustizzja li jiffunzjonaw tajjeb huma kruċjali għall-applikazzjoni u l-infurzar tad-dritt tal-UE u għaż-żamma tal-istat tad-dritt. Sistema ġudizzjarja effiċjenti tagħti d-deċiżjonijiet tagħha mingħajr dewmien żejjed. Proċedimenti twal iżżejjed u xogħol b'lura sostanzjali jdgħajfu l-fiduċja taċ-ċittadini u n-negozji fis-sistemi ġudizzjarji nazzjonali.

Għalhekk, il-perspettiva ekonomika tas-sistemi ġudizzjarji ssir tabilħaqq importanti. B'mod partikolari, sistema ġudizzjarja li ma toffrix garanziji suffiċjenti jew li ma toperax b'diliġenza adegwata meta waħda mill-partijiet tħoss li sofriet dannu tkun diżinċentiv għall-investment tal-impriżi u, konsegwentement, għat-tkabbir tal-produttività u għall-prodott ekonomiku b'mod ġenerali. Sistemi tal-ġustizzja effettivi huma essenzjali għall-fiduċja reċiproka u għat-titjib tal-klima għall-investment u s-sostenibbiltà tat-tkabbir fuq medda twila ta' żmien. L-Istħarriġ annwali dwar it-tkabbir sostenibbli 2023<sup>2</sup>, li jstabbilixxi l-prijoritajiet tal-politika ekonomika u tal-impjegi għall-UE, jikkonferma r-rabta bejn sistemi ġudizzjarji effiċjenti u l-ambjenti tan-negozju tal-Istati Membri u ekonomija li taħdem għan-nies. Sistemi tal-ġustizzja li jaħdmu kif suppost u li jkunu kompletament indipendenti jista' jkollhom impatt pożittiv fuq l-investment u huma essenzjali għall-protezzjoni tal-investment, u għalhekk jikkontribwixxu għall-produttività u l-kompetittività.

---

<sup>2</sup> 15184/22.

Kif kien il-każ feżċerizzji preċedenti, ir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2023 fih analiżi ulterjuri tal-indipendenza, il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji fi-Istati Membri kollha li tenfasizza li sistemi ġudizzjarji li jiffunzjonaw tajjeb u kompletament indipendenti huma kruċjali sabiex il-ġustizzja taħdem għall-benefiċċju taċ-ċittadini u n-negozji. L-effiċjenza u l-kwalità tas-sistemi tal-ġustizzja jiddependu fuq parametri bħall-volum ta' kawżi<sup>3</sup>, it-tul stmat tal-proċedimenti<sup>4</sup>, ir-rata tal-għeluq tal-kawżi<sup>5</sup>, l-għadd ta' kawżi pendenti<sup>6</sup>, it-tul tal-proċedimenti, l-aċċessibbiltà tal-ġustizzja<sup>7</sup> u l-użu ta' għodod diġitali<sup>8</sup> u għodod ta' valutazzjoni<sup>9</sup> kif ukoll ir-riżorsi finanzjarji u umani għad-dispożizzjoni tagħhom<sup>10</sup>, b'mod partikolari jekk għandhomx riżorsi adegwati u jekk il-persunal huwiex kwalifikat, imħarreġ u mħallas kif xieraq. Konformità bbilanċjata ma' dawn il-parametri kollha tista' tkun ta' sfida għall-Istati Membri iżda t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2023 turi li l-effikaċja tas-sistemi tal-ġustizzja tal-UE qed tkompli titjieb fil-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri<sup>11</sup>.

Ir-riżorsi finanzjarji allokatu għas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali għandhom impatt dirett fuq it-tul tal-proċedimenti ġudizzjarji u ħafna Stati Membri allokaw riżorsi addizzjonali għas-sistema ġudizzjarja tagħhom fil-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħhom. Implimentaw ukoll diversi inizjattivi biex itejbu d-diġitalizzazzjoni, li kienet prijorità għal diversi Stati Membri. Ġew stabbiliti wkoll miżuri innovattivi, li jirrikjedu l-għoti ta' taħriġ għall-membri tal-professjonijiet ġudizzjarji.

Barra minn hekk, riżorsi umani adegwati huma essenzjali mhux biss biex jiġi ggarantit li d-deċiżjonijiet tal-qorti jingħataw mingħajr dewmien iżda wkoll biex jiġi żgurat li l-professjonijiet ġudizzjarji jkunu attraenti u li jkun hemm disponibbli professjonisti kwalifikati, imħarrġa u rimunerati b'mod xieraq. Ir-riżorsi allokatu għas-sistemi ġudizzjarji għandhom ikunu ekwivalenti għall-importanza tal-kompiti u r-responsabbiltajiet fdati lilhom u l-amministrazzjoni tal-ġustizzja hija fost l-aktar rilevanti.

<sup>3</sup> Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2023, Illustrazzjonijiet 2-4.

<sup>4</sup> Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2023, Illustrazzjonijiet 5-9.

<sup>5</sup> Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2023, Illustrazzjonijiet 10-12.

<sup>6</sup> Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2023, Illustrazzjonijiet 13-15.

<sup>7</sup> Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2023, Illustrazzjonijiet 24-31.

<sup>8</sup> Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2023, Illustrazzjonijiet 40-48.

<sup>9</sup> Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2023, Illustrazzjoni 39.

<sup>10</sup> Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2023, Illustrazzjonijiet 32-38.

<sup>11</sup> Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2023, p. iii.

Fl-aħħar nett, ħafna Stati Membri ħadu passi ulterjuri biex itejbu l-applikazzjoni tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) għas-sistemi ġudizzjarji peress li, minbarra li ssaħħaħ is-sistemi ġudizzjarji tal-Istati Membri, id-diġitalizzazzjoni taġħmilhom aktar aċċessibbli, effiċjenti u reżiljenti. Id-diġitalizzazzjoni hija kruċjali għat-tiħiħ tal-effikaċja tas-sistemi ġudizzjarji u l-faċilitazzjoni tal-aċċess għall-ġustizzja. Ser tgħin lill-Istati Membri jegħlbu l-isfidi attwali u futuri li qed jiffaċċjaw is-sistemi ġudizzjarji nazzjonali. L-użu ta' teknoloġiji innovattivi bħall-intelliġenza artifiċjali u r-robotizzazzjoni jiffranka l-ħin u jaġħmilha possibbli li kompiti ripetittivi jitħallew f'idejn il-magni. F'dan ir-rigward, it-tnaqqis tad-distakk diġitali u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali huma tnejn mill-isfidi li l-Istati Membri x'aktarx ikollhom jindirizzaw fi żmien qasir.

Sabiex titħeġġeġ id-diskussjoni, il-Ministri huma mistiedna jindirizzaw il-kwistjonijiet li ġejjin:

- Tista' tidentifika prattiki tajbin adottati fl-Istat Membru tiegħek biex jitjiebu l-effiċjenza u l-kwalità tas-sistema ġudizzjarja, meta jitqiesu sfidi ġodda li għandhom quddiemhom is-sistemi ġudizzjarji, bħall-użu tal-intelliġenza artifiċjali u l-użu tal-vidjokonferenzi?
- Kif taħseb li l-UE tista' tappoġġa aktar lill-Istati Membri fit-tiħiħ tal-effiċjenza u l-kwalità tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali?